# QORTI KRIMINALI

Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D.

**ATT TA' AKKUZA Nru: 2/2014**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**kontra**

**Isaac Unigwe**

Illum 4 ta' Frar, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-att ta' akkuża numru tnejn tas-sena elfejn u erbatax (2014) miġjuba kontra l-imsemmi Isaac Unigwe, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 25514A:

Fejn l-Avukat Ġenerali fl-Ewwel Kap ippremetta illi l-akkuzat **Isaac Unigwe** gie Malta fis-sena 2003 biex jahdem bhala player tal-football. Hawnhekk huwa iltaqa' ma' mara Maltija, li sussegwentament izzewweg, u li minnha huwa kellu erbat (4) itfal. Sas-sena 2007 però, il-karriera fil-football ta' **Isaac Unigwe** kienet giet fi tmiemha u huwa sab ruhu minghajr impjieg. Nonostante li huwa kien ghamel xi xoghol kazwali l'hemm u l'hawn, **Isaac Unigwe** ma kienx sodisfatt bil-qliegh li kien qed jaghmel, u ghalhekk iddecieda li jaqla' lira malajr (*'easy money'*) billi jimporta, jbiegh jew xort'ohra jitraffika fid-droga fil-gzejjer Maltin. L-ewwel tentattiv li ghamel sehh f'Dicembru 2008, meta **Isaac Unigwe** tramite habib Nigerjan bl-isem ta' Morgan iltaqa' ma' persuna Maltija bl-isem ta' Pierre Cremona, maghruf bhala s-*Cigar.* Nonostante l-fatt li dawn it-tlett persuni iltaqghu bl-intenzjoni li jistabbilixxu 'negozju' fit-traffikar illecitu tad-droga, dan in-negozju ma mmaterjalizzax.

Fis-sajf tal-2009, però l-akkuzat **Isaac Unigwe** rega' qajjem l-istess pjan. Din id-darba però, in ezekuzzjoni ta' dan il-pjan biex jimporta, jbiegh jew xort'ohra jitraffika d-droga perikoluza, **Isaac Unigwe** ippjana u ftiehem mal-istess Pierre Cremona, maghruf bhala s-*Cigar* u, din id-darba, ma' certu Sunday Eboh. Il-ftehim bejn dawn il-partijiet kien li **Isaac Unigwe,** bl-ghajnuna ta' Sunday Eboh, kellu jipprokura d-droga perikoluza Eroina, imbaghad l-istess Unigwe jipprovdi din id-droga lil Pierre Cremona, li sussegwentament, kellu jbiegh din l-Eroina lil terzi persuni, bi profitt;

Illi in ezekuzzjoni ta' dan il-pjan su riferit, u ghalhekk bil-hsieb li jimporta, ibiegh, jew xort'ohra jitraffika id-droga perikoluza f'Malta, fit-22 ta' Lulju 2009 u fil-granet u l-gimghat precedenti, **Isaac Unigwe** pprokura erbgha u hamsin (54) kapsula kontenenti total ta' 522.19 grammi tad-droga perikoluza Eroina, u kkonsenjahom lil Pierre Cremona, biex dan tal-ahhar ibiegh l-Eroina bi profitt;

Illi, wara li rceviet informazzjoni kunfidenzjali dwar possibli traffikar ta' droga, fit-22 ta' Lulju 2009, ghall-habta tal-10:00pm, l-Pulizija mill-Iskawdra ta' Kontra d-Droga intercettat vettura go San Pawl il-Bahar – Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni ABR-427, liema vettura kienet qed tinstaq minn Pierre Cremona maghruf bhala s-*Cigar* imsemmi iktar il-fuq. Il-Pulizija kkonduciet tfittxija fil-vettura fil-prezenza ta' Pierre Cremona, u sabet erbgħa u ħamsin (54) kapsula kontenenti d-droga perikoluza Eroina imsemmija iktar il-fuq. Testijiet / analizi addizjonali li saru mill-esperti nominati mill-Qorti urew li dawn dawn il- erbgħa u ħamsin (54) kaspula kienu jikkontjenu l-ammont totali ta' 522.19 grammi ta' Eroina, b'purità ta' 28%. Il-prezz fis-suq ta' dan l-ammont ta' Eroina f'dak iz-zmien kien ivarja minn €15,666 ghal €65,274. Pierre Cremona irrilaxxa Stqarrija, liema Stqarrija eventwalment kkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwerenti, fejn huwa spjega kif kien ircieva din id-droga minghand **Isaac Unigwe** ghal €8,000, u kif huwa (Pierre Cremona) kellu intenzjoni li jirritorna l-istess droga lura lil **Isaac Unigwe** u jitolbu flusu lura minhabba li l-kwalità tad-droga kienet inferjuri minn dik li kienet giet miftehma;

Illi bil-kommissjoni ta' dawn l-atti su riferiti b'intenzjoni kriminali, **Isaac Unigwe** rrenda ruhu hati talli assocja ruhu bil-ghan li jbiegh jew xort'ohra jitraffika fid-droga perikoluza (Eroina) f'dawn il-Gzejjer bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi **Isaac Unigwe**, ħati talli nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju elfejn u disgha (2009) u fil-gimghat precedenti, **<u>assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika f'dawn il-Gzejjer,</u>** id-droga Eroina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni.

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u li **Isaac Unigwe** jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru, u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlett mija u tletin Ewro (€2,330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf u hames mitt Euro (€116,500), u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull propjetà mobbli jew immobbli li dwarhom sar ir-reat, u skont dak li hemm deskritt f'dan l-Att tal-Akkuza, kif stipulat u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a), 22(1)(f), 22(1A), 22(1B), 22(2)(a)(i), 22(3A), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), u l-artikoli 17, 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta), jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fejn l-Avukat Ġenerali fit-Tieni Kap ippremetta illi taht l-istess cirkostanzi u konsegwentament ghall-assocjazzjoni su riferita fil-Kap precedenti ta' dan l-Att tal-Akkuza u cioè fi-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju elfejn u disgha (2009) u waqt il-gimghat precedenti, **Isaac Unigwe** biegh, issuplixxa u ddistribwixxa erbgħa u ħamsin (54) kapsula kontenenti t-total ta' 522.19 grammi tas-sustanza perikoluza Eroina f'Malta, lil Pierre Cremona maghruf bhala s-*Cigar*, biex dan tal-ahhar ibiegh l-istess Eroina bi profitt;

Illi fit-22 ta' Lulju 2009, ghall-habta tal-10:00pm, l-Pulizija mill-Iskawdra ta' Kontra d-Droga intercettat vettura go San Pawl il-Bahar – Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni ABR-427, liema vettura kienet qed tinstaq minn Pierre Cremona maghruf bhala s-Cigar imsemmi iktar il-fuq. Il-Pulizija kkonduciet tfittxija fil-vettura fil-prezenza ta' Pierre Cremona, u sabet erbgħa u ħamsin (54) kapsula kontenti d-droga perikoluza Eroina imsemmija iktar il-fuq. Testijiet / analizi addizjonali li saru mill-esperti nominati mill-Qorti urew li dawn l- erbgħa u ħamsin (54) kapsula kienu jikkontjenu l-ammont totali ta' 522.19 grammi ta'

eroina, b'purità ta' 28%. Il-prezz fis-suq ta' dan l-ammont ta' Eroina f'dak iz-zmien kien ivarja minn €15,666 ghal €65,274. Pierre Cremona irrilaxxa Stqarrija, liema Stqarrija eventwalment kkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwerenti, fejn huwa spjega kif kien ircieva din id-droga minghand **Isaac Unigwe**, li inizzjalment kien talab €9,000 ghad-droga, izda mbaghad accetta s-somma ta' €8,000;

Illi s-sustanza Eroina hija droga perikoluza specifikata u kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta). **Isaac Unigwe** ma kienx fil-pussess ta' licenza valida u li ghadha fis-sehh mill-President ta' Malta, ma kienx awtorizzat bir-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292/1939) jew b'awtorità ohra moghtija mill-President ta' Malta biex jipprokura din id-droga, u lanqas ma kien debitament licenzjat biex jiddistribwixxi l-imsemmija droga, skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament 4 tar-Regoli Interni ghall-Kontroll fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292/1939), kif sussegwentament emendat bl-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lil **Isaac Unigwe** hati talli fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju elfejn u disgha (2009) u fil-gimghat precedenti **forna jew pprokura, jew offra li jforni jew jipprokura id-droga perikoluza Eroina**, lil jew ghal xi persuna sew jekk f'dawn il-Gzejjer kemm jekk x'imkien iehor, meta ma kienx fil-pussess ta' licenzja valida u li ghadha fis-sehh mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorità moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u lanqas ma kien debitament licenzjat biex jiddistribwixxi l-imsemmija droga, skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament 4 tar-Regoli Interni ghall-Kontroll fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G.

292/1939), kif sussegwentament emendat bl-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Isaac Unigwe,** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru, u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-propjetà kollha mobbli u immobli li dwarhom sar ir-reat u skont dak li hemm deskritt f'dan l-Att tal-Akkuza, kif stipulat u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a), 22(1B), 22(2)(a)(i), 22(3A), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), r-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 (G.N. 292/1939) u l-artikoli 17, 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta), jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fejn l-Avukat Ġenerali fit-Tielet Kap ippremetta illi sussegwentament ghall-investigazzjoni fl-assocjazzjoni u forniment u distribuzzjoni tad-droga perikoluza Eroina f'Malta mill-akkuzat **Isaac Unigwe** kif spjegat fil-Kapi precedenti f'dan l-Att tal-Akkuza, **Isaac Unigwe** rrilaxxa Stqarrija mal-Pulizija wara li kkonsulta mal-Avukat tieghu skont il-ligi. Meta gie mistoqsi jekk huwa personalment kienx jikkonsma droga, **Isaac Unigwe** spjega li huwa jikkonsma l-Cannabis kull meta martu kienet tikkawzalu l-istress.

**Isaac Unigwe** spjega wkoll illi huwa kien beda jaghmel uzu mill-Cannabis f'Novembru u Dicembru 2009, u kompla sal-gimgha precedenti l-interrogazzjoni tieghu fis-16 ta' Marzu 2010. **Isaac Unigwe** spjega wkoll li huwa jaghmel uzu kemm mill-Cannabis resin kif ukoll mill-Cannabis grass;

Illi s-sustanza Cannabis hija droga perikoluza specifikata u kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda', Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta). **Isaac Unigwe** ma kienx fil-pussess ta' licenza valida u li ghadha fis-sehh mill-President ta' Malta dwar importazzjoni u pussess, ma kienx awtorizzat bir-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292/1939) jew b'awtorità ohra moghtija mill-President ta' Malta sabiex jkun fil-pussess ta'din id-droga skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament 9 tal-istess Regoli imsemmija u lanqas ma kien fil-pussess ta' ricetta valida mahruga skont id-disposizzjonijiet tal-imsemmija Regolamenti;

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lil **Isaac Unigwe** hati talli fil-perjodu bejn Novembru tal-elfejn u disgha (2009) u Marzu tal-elfejn u ghaxra (2010), fdawn il-Gzejjer, **kien fil-pussess tar-raza meħuda mill-pjanta Cannabis; u tal-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha**, liema droga hija specifikata u kontrollata taht id-disposizzjonijiet tal-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' licenza valida u li ghadha fis-sehh dwar importazzjoni u pussess mill-President ta' Malta, ma kienx awtorizzat bir-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292/1939) jew b'awtorità ohra moghtija mill-President ta' Malta sabiex jkun fil-pussess ta' din id-droga skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament 9 tal-istess Regoli imsemmija u lanqas ma kien fil-pussess ta' ricetta valida mahruga skont id-disposizzjonijiet tal-imsemmija Regolamenti;

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Isaac Unigwe,** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tnax (12) il-xahar u mhux izjed minn ghaxar (10) snin, u ghal multa ta'mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin Ewro centezmi (€ 465.87), izda mhux izjed minn tlieta u għoxrin elf,

mitejn u tlieta u disgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċentezmu (€23,293.73), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-propjetà kollha mobbli u immobli li dwarhom sar ir-reat u u skont dak li hemm deskritt f'dan l-Att tal-Akkuza, kif stipulat u jintqal fl-artikoli 8(a), 8(d), 9, 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 (G.N. 292/1939) u l-artikoli 17, 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta), jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha ta' l-proċess;

Rat il-verdett tal-ġurati tal-4 ta' Frar, 2017 li biħ:

**L-Ewwel Kap**

Il-ġurati b'sitt (6) voti favur u b'tlett (3) voti kontra jsibu lil Isaac Unigwe mhux ħati skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.

**It-Tieni Kap**

Il-ġurati b'tmien (8) voti favur u b'vot (1) kontra lil Issac Unigwe mhux ħati skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

**It-Tielet Kap**

Il-ġurati unamimament isibu lil Isaac Unigwe ħati skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

Għaldaqstant, wara li rat l-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali tiddikjara lil Isaac Unigwe mhux ħati tal-ewwel u t-tieni kap tal-att tal-akkuża dedotti kontrih iżda issibu ħati tat-tielet kap ta' akkuża u dan talli :

Fil-perjodu bejn Novembru tal-elfejn u disgha (2009) u Marzu tal-elfejn u ghaxra (2010), fdawn il-Gzejjer, kien fil-pussess tar-raza meħuda mill-pjanta Cannabis; u tal-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, liema droga hija specifikata u kontrollata taht id-disposizzjonijiet tal-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' licenza valida u li ghadha fis-sehh dwar importazzjoni u pussess mill-President ta' Malta, ma kienx awtorizzat bir-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292/1939) jew b'awtorità ohra moghtija mill-President ta' Malta sabiex jkun fil-pussess ta' din id-droga skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament 9 tal-istess Regoli imsemmija u lanqas ma kien fil-pussess ta' ricetta valida mahruga skont id-disposizzjonijiet tal-imsemmija Regolamenti.

Rat il-fedina penali tal-ħati.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Nadia Attard.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Roberto Montalto.

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti se tiehu konsiderazzjoni illi qed tinstab ħtija biss in konnessjoni ma' pussess sempliċi ta' droga. In oltre l-Qorti thoss illi l-ħati m'għandux iħallas l-ispejjeż inkorsi f'dan il-proċess, billi l-ispejjeż ġew intavolati fl-ewwel żewġ kapi tal-att ta' akkuża biss, li minnhom huwa ġie liberat.

Rat l-artikoli l-artikoli 8(a), 8(d), 12, 15, 20, 22 (1)(a), 22(2)(a)(ii) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 (GN 292/1939) u l-artikoli 17, 23 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannaħx għal piena karċerarja iżda tilliberaħ taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat iehor għall-żmien sena (1) mil-lum.

Il-Qorti spjegat fi kliem car u sempliċi l-portata ta' din is-sentenza lill-akkużat.

(ft) Antonio Mizzi
Imħallef

Brian Avellino
Deputat Registratur

Vera Kopja